REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 290/2013

tas-26 ta' Marzu 2013

li jemenda għall-190 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a), 7a(1) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fit-18 ta' Marzu 2013, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) ddeċieda li jneħħi persuna fiżika mil-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi. Fid-19 ta' Marzu 2013, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-UNSC iddeċieda li jżid entità mal-lista. Barra minn hekk, fil-15 ta' Marzu 2013, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-UNSC iddeċieda li jemenda tliet entitajiet mil-lista.

(3) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu jiġi aġġornat skont dan,

(4) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002, huwa emendat kif ġej:

(1) L-annotazzjoni li ġejja għandha tiżdied taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet":

"Ansar Eddine (*alias* Ansar Dine). Indirizz: Mali. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 20.3.2013."

(2) Titħassar l-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi":

"Abdelghani **Mzoudi** (*alias* (a) Abdelghani Mazwati, (b) Abdelghani Mazuti, (c) Talha). Indirizz: Il-Marokk. Data tat-twelid: 6.12.1972. Post tat-twelid: Il-Marrakexx (Il-Marokk). Nazzjonalità: Marokkina. Numru tal-passaport: F 879567 (Passaport Morokkin maħruġ mill-Marrakexx, il-Marokk, fid-29.4.1992). Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali: E 427689 (Karta tal-Identità Nazzjonali Marokkina, maħruġa fl-20.3.2001 mill-Konsulat Ġenerali Marokkin f'Düsseldorf, il-Ġermanja). Informazzjoni oħra: (a) Isem il-missier huwa Abdeslam Ahmed; (b) Isem l-omm huwa Aicha Hammou; (c) Wara li ġie lliberat, ħalla l-Ġermanja u mar il-Marokk f'Ġunju 2005. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.6.2003.'

(3) L-annotazzjoni "Hassan Dahir **Aweys** (*alias* (a) Ali, Sheikh Hassan Dahir Aweys, (b) Awes, Shaykh Hassan Dahir, (c) Hassen Dahir Aweyes, (d) Ahmed Dahir Aweys, (e) Mohammed Hassan Ibrahim, (f) Aweys Hassan Dahir, (g) Hassan Tahir Oais, (h) Hassan Tahir Uways, (i) Hassan Dahir Awes, (j) Sheikh Aweys, (k) Sheikh Hassan, (l) Sheikh Hassan Dahir Aweys). Titolu: (a) Sheikh, (b) Kulunell. Indirizz: Is-Somalja. Data tat-twelid: 1935. Post tat-twelid: Is-Somalja. Nazzjonalità: Somala. Informazzjoni oħra: (a) Irrapportat li jinsab fl-Eritrea minn Novembru 2007; (b) Sfond familjari: minn Hawiye's Habergidir, Ayr clan; (c) Mexxej ta' livell għoli ta' Al-Itihaad Al-Islamiya (AIAI) u ta' Hizbul Islam fis-Somalja (d) Sa mit-12 ta' April 2010 wkoll soġġett għall-miżuri stipulati fir-Regolament (UE) Nru 356/2010 rigward is-Somalja u l-Eritreja. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 9.11.2001." taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Hassan Dahir **Aweys** (*alias* (a) Ali, Sheikh Hassan Dahir Aweys, (b) Awes, Shaykh Hassan Dahir, (c) Hassen Dahir Aweyes, (d) Ahmed Dahir Aweys, (e) Mohammed Hassan Ibrahim, (f) Aweys Hassan Dahir, (g) Hassan Tahir Oais, (h) Hassan Tahir Uways, (i) Hassan Dahir Awes, (j) Sheikh Aweys, (k) Sheikh Hassan, (l) Sheikh Hassan Dahir Aweys). Titolu: (a) Sheikh, (b) Kulunell. Indirizz: Is-Somalja. Data tat-twelid: 1935. Post tat-twelid: Is-Somalja. Nazzjonalità: Somala. Informazzjoni oħra: (a) Nofsinhar tas-Somalja (sa minn Novembru 2012), (b) Irrapportat ukoll li huwa fl-Eritrea minn Novembru 2007. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 9.11.2001.'

(4) L-annotazzjoni "Hassan Abdullah Hersi **Al-Turki** (*alias* (a) Hassan Turki, (b) Hassen Abdelle Fihiye, (c) Sheikh Hassan Abdullah Fahaih, (d) Hassan Al- Turki, (e) Hassan Abdillahi Hersi Turki, (f) Sheikh Hassan Turki, (g) Xasan Cabdilaahi Xirsi, (h) Xasan Cabdulle Xirsi). Data tat-twelid: madwar l-1944. Post tat-twelid: ir-Reġjun V, l-Etjopja (ir-Reġjun ta' Ogaden tal-Etjopja tal-Lvant). Nazzjonalità: Somala. Informazzjoni oħra: (a) Irrappurtat li huwa attiv fin-Nofsinhar tas-Somalja, f'Juba ta' Isfel ħdejn Kismayo, prinċipalment f'Jilibe u Burgabo sa minn Novembru 2007; (b) Sfond familjari: mill-klan ta' Ogaden, Reer- Abdille sottoklan; (c) Parti mit-tmexxija ta' Al-Itihaad Al-Islamiya (AIAI); (d) Soġġett għall-miżuri stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 356/2010 dwar is-Somalja. Id-data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 6.7.2004." taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Hassan Abdullah Hersi **Al-Turki** (*alias* (a) Hassan Turki, (b) Hassen Abdelle Fihiye, (c) Sheikh Hassan Abdullah Fahaih, (d) Hassan Al- Turki, (e) Hassan Abdillahi Hersi Turki, (f) Sheikh Hassan Turki, (g) Xasan Cabdilaahi Xirsi, (h) Xasan Cabdulle Xirsi). Data tat-twelid: madwar l-1944. Post tat-twelid: ir-Reġjun V, l-Etjopja (ir-Reġjun ta' Ogaden tal-Etjopja tal-Lvant). Nazzjonalità: Somala. Indirizz: Irrappurtat li huwa fin-Nofsinhar tas-Somalja, f'Juba ta' Isfel ħdejn Kismayo, prinċipalment f'Jilibe u Burgabo sa minn Novembru 2012; Id-data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 6.7.2004."

(5) L-annotazzjoni "Al-Itihaad Al-Islamiya (AIAI). (*alias* AIAI). Informazzjoni oħra: (a) Irrappurtat li jopera fis-Somalja u fl-Etjopja; (b) It-tmexxija tinkludi Hassan Abdullah Hersi Al-Turki u Hassan Dahir Aweys; (c) AIAI rċieva fondi permezz tal-Fondazzjoni Islamika Al-Haramain (is-Somalja). Id-data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 6.10.2001." taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet" għandha tiġi ssostitwita b'dan li ġej:

"Al-Itihaad Al-Islamiya/AIAI (*alias* AIAI). Informazzjoni oħra: Irrapportat li jopera fis-Somalja u fl-Etjopa. d-data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 6.10.2001."